## Attivitajiet ghax-xahar t' April

**Il-Gimgha 5 ta' April :8.00pm**, Project House, Floriana. Illum is-Sur John Muscat se jaghmlilna Quiz tal-General Knowledge. Titilfuhx ghax tiehdu gost zgur!

**Il-Gimgha 12 ta' April: 7.30pm; Airport**. Illum il-festa tad-Duluri u, bhal ma naghmlu kull sena, se mmorru nisimghu il-quddiesa fil-Kappella tal-Airport. Iqaddes Fr.Saviour Chircop. Niltaqghu barra l-Kappella tal-Airport fis-7.30pm. Wara l-quddiesa mmorru niehdu xi haga flimkien gol-Airport stess.

**Il-Gimgha 26 ta' April: 8.00pm**, Mqabba. Illum se mmorru niccelebraw il-Birthdays ta' dawk li ghalqu sninhom f'April. Se mmorru l-Band Club tal-Gilju, Mqabba. Dettalji aktar tard.

**Avviz: Se issir harga ghal Ghawdex nhar il Hadd 5 ta' Mejju 2019.**
Programm:
**8.30am**: Niltaqghu ic-Cirkewwa.
**9.00am**: Nirkbu l-vapur ghal Ghawdex.
**9.30 am**: Nirkbu l-coach u nitilqu lejn ir-Rabat, Ghawdex, fejn inqattghu siegha nduru u niehdu xi kafe. Kulhadd free.
**10.45**: Immorru dawra san-Nadur minn fejn naraw panorama mill-isbah u mmorru sat-telegraph l-antik.
**11.45**: Nisimghu quddiesa fil-parrocca tan-Nadur.
**13.30am**: Lunch ghand "The Lantern," Marsalforn
**3.00pm**: Nirkbu l-coach u nitilqu lejn id-Dwejra fejn inqattghu ftit hin nimxu, nghumu jew niehdu xi kafe jew xi gelat flimkien.
**5.15pm**: Nirkbu l-coach biex immorru naqbdu l-vapur tas-sitta.
Min jixtieq jibbukkja l-coach ghac-Cirkewwa jghidilna mal-booking.
Menu:
**Starter:**
Vegetabe Soup jew Pasta Bolognaise jew Ravjul
**Main Course:**
Chicken jew Beef jew hut (Cerna)
Tazza nbid. Ilma jew soft drink
Dezerta
**Prezz: :€15** li jinkludi it-trasport gewwa ghawdex
**Booking ma' Maria Caruana 99890727**


***Chairperson: Victor Galea 99899072 Secretary: Charlotte Camilleri 99899751***
***Email: info@minusone.eu or secretary@minusone.eu***
***Find us on Facebook: MinusOne Malta Widows' Support Group***
***Website: https://www.minusone.eu***





**Volum 22** **Harga 4** **April 2019**

Gheziez Hbieb,
Jiddispjacini nghid li din hija l-ahhar newsletter tieghi wara snin twal fil-grupp... l-ewwel bhala membru tal-kumitat....imbaghad bhala chairperson.
F'dawn is-snin twal, gew u marru hafna nies differenti kollha bil-bzonnijiet taghhom u kollha ppruvajna nghinuhom bl-ahjar mod possibbli. Permezz tan-newsletter jiena kont inhossni qeghda nikkomunika ma' kull wiehed u wahda minnkom u kont niehu c-cans biex nghaddi messaggi importanti u flimkien naraw l-ahjar mod kif nibqghu mexjin il-quddiem.
Il-grupp ra naqra taqlib mhux hazin kemm ili hawn jien. Bdilna l-post fejn niltaqghu xi hames darbiet, gieli anke kellna noqoghdu nigru bil-proprjeta' taghna minn naha ghall-ohra u jien dejjem nitkarrab ghall-ghajnuna. Rajt kumitat wara l-iehor jinbidel u kulhadd ta sehmu skond ma seta'. Min dam sena, min tnejn u min aktar. L-aktar li ilna hemm huma jien u Marie-Louise Suda ,is-segretarja taghna, li minn hawn nixtieq minn qiegh qalbi nirringrazzjaha tax-xoghol siewi li taghmel fil-grupp.Louise qatt ma waqfet qas meta kellha problemi ta' sahha u ta' dan f'isimkom nirringrazzjaha. Grazzi Louise! Nixtieq nirringrazzja wkoll minn qalbi lis-sur Mark Farrugia li, ghal hames snin shah, hadem bis-shih ghall-grupp billi ha hsieb il-website, facebook, ritratti u hafna xoghol iehor siewi. Grazzi Mark! Grazzi lilkom il-membri u l-kumitat li dejjem kontu lesti tghinu u tikkooperaw.
Jiena dejjem emmint fil-gid li johrog mill-grupp u fikom il-membri u qatt ma qtajt qalbi. Kien hemm mumenti ta' qtigh il-qalb fejn tghid x'qed naghmel hawn? Imma jien dejjem emmint u ghedtha cara li jekk nghin persuna wahda f'sena ghalija bizzejjed ghax dik il-persuna tiswa daqs mija!!
Jiena dejjem accettajt stedin ghal fuq ir-Radio,TV u ntervisti ma' gurnalisti u ktibt artikli biex naghmel promotion lill-grupp.Il-grupp rajtu jikber from strength to strength. Meta dhalt fil-grupp konna ftit nies, irgiel fil-grupp kien hemm ftit li xejn. Konna nghidu fejn imorru r-romol irgiel? Illum niehu gost nghid li n-numru ta' membri kiber gmielu u ghandna numru konsiderevoli ta' rgiel. Ghollejna l-eta' tal- membership biex nilhqu aktar nies izda kellna nieqfu f'certu limitu biex il-grupp ma jixjiehx izzejjed.
Huwa b'ghafsa ta' qalb li jiena nitlaq minn chairperson ghax il-grupp inhobbu u hadt sodisfazzjon naghti l-ghajnuna tieghi lilkom il- membri u narakom mexjin il-quddiem. Izda issa nhoss li, ghal gid tal-grupp, jehtieg li jiena ncedi posti lil nies izghar minni biex il-grupp naccertawlu kontinwita' u hajja fil-futur. Jiena certa li l-grupp se jkompli miexi 'l quddiem.Jiena certa li, kif dejjem rajt jien, min se jmexxi warajja se jsib ko-operazzjoni minnkom il-membri u mill-membri tal-kumitat.
Wara li sar l-AGM nhar il-Gimgha 22 ta' Marzu, inhatru xi membri godda u nbidlu r-rwoli tal-membri.
Il-membri tal-kumitat il-gdid ghas-sena 2019-2020 huma dawn:
Victor Galea....Chairperson.
John Trapani...Vice-Chairperson.
Charlotte Camilleri...Secretary.

(PTO)

(Cont. from page 1)

Joyce Bartolo...Treasurer
Maria Caruana...Events Organiser
Mary Micallef...Assistant Events organiser
Rita Attard.. Assistent Secretary

Nixtieq nifrah lill-kumitat il-gdid u nawguralkom  hidma twila u fejjieda.
Filwaqt li nirringrazzja lil kulhadd tal-kooperazzjoni u l-apprezzament, nawgura lill-grupp u lilkom il-membri u lill-kumitat il-gdid, li timxu 'l quddiem u tkomplu fil-futur gejjieni.




## Poezija ta' Marija

Gheziez Hbieb jiena nsejhilkom,
Sabiex zewg kelmiet niktbilkom,
Jiena gid tant nixtiqilkom,
Futur mill-isbah nawguralkom.

Ahna kollha nies ta' stoffa,
Ghalkemm xi drabi nghidu Uffa!
Pero' mbaghad nuru kuragg,
X'hin inkomplu nimxu l-vjagg!

Minus One jien qatt m'ghogobni,
Ghax dan l-isem negattiv,
Jien Survivors insejhilkom,
Ghax wisq aktar pozittiv!!

Lkoll flimkien tghallimna nimxu,
U nergghu nibnu bis-shih,
Ghaliex ahna lkoll hajjitna,
Nizlet l-isfel sa gol-qiegh.

Inkisrulna il-kolonni,
Ghax f'hajjitna Uragan,
Kisser kollox u farrakna,
U fittixna l-Minus One.

Izda mbaghad nergghu inqumu,
U nimxu sewwa l-quddiem,
Pass ta' gganti imbaghad naghmlu,
U nghixu aktar fis-sliem!

Tnax-il-sena qattajt maghkom,
Immexxikom jien bis-shih,
Xoghol u hin jiena tajt hafna,
Issa wasal il-mistrieh.

Xogholi ghaddejt lill Victor taghna,
Li jien certa se jkomplih,
Nawguralkom hidma sfiqa,
Li tahdmu flimkien qatigh.

Jien pero' le nisparixxi,
Izda hdejkom nibqa' zgur,
Maghkom dejjem bil-pariri,
Nawguralkom ghall-futur!!

**MARIA BORG**